

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

tas-16 ta' Settembru 2010

li temenda l-lista tal-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill

(2010/594/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 236(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex ikunu riflessi l-bidliet li t-Trattat ta' Lisbona ġab fit-Trattati preċedenti, fir-rigward tal-oqsma tal-ispazju u l-isport, fl-ismijiet tal-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, għandu jinbidel l-isem tal-konfigurazzjoni "Kompetittività (Suq Intern, Industrija u Riċerka)" billi tiżdiedlu l-kelma "spazju", u dak tal-konfigurazzjoni "Edukazzjoni, żgħażaġh u kultura" billi tiżdiedlu l-kelma "sport".
- (2) Konsegwentement għandha tiġi emendata l-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/878/UE (Affarijiet Ġenerali) tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi l-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill b'żieda ma' daww imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, li tinsab ukoll fl-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ⁽²⁾,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/878/UE u, konsegwentement, il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill li tinsab fl-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill huma b'dan modifikati kif ġej:

- 1) il-Punt 6 "Kompetittività (Suq Intern, Industrija u Riċerka)" għandu jinbidel bit-test li ġej:

"6. Kompetittività (suq intern, industrija, riċerka u spazju)";

- 2) il-Punt 10 "Edukazzjoni, Żgħażaġħ u Kultura" għandu jinbidel bit-test li ġej:

"10. Edukazzjoni, żgħażaġh, kultura u sport".

In-noti f'qiegħ il-paġni m'għandhomx jinbidlu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2010.

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President

H. VAN ROMPUY

⁽¹⁾ ĠU L 315, 2.12.2009, p. 46.

⁽²⁾ ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35.